# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 449/2017

Il-Pulizija

vs

John Tonna

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, John Tonna, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 529458M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Lulju 2017 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Marianna Tonna is-somma ta' €150 iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Ottubru, 2017 li sabet lill-imsemmi John Tonna hati tal-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Tonna, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 2017,li permez tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr preguzzju ghall-aggravji dwar il-mertu, joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfront tieghu stante li kienet il-parte civile stess li kienet irrifjutat li tippercepixxi l-manteniment lilha dovut u li dwarha ma ghandu l-ebda kontestestazzjoni. L-appellant jilmenta ukoll dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kellha tkun wahda aktar miti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;

3. Fl-udenjza tal-lum, l-appellant irtira l-ewwel aggravju tieghu fil-mertu u ghalhekk jifdal biss li ssir konsiderazzjoni dwar il-piena;

4. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

5. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel aggravju u tat-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata, tilqa' t-tieni talba u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.